KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 9 – Il-ĦAMIS, 13 TA' FRAR 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 9.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

9.1.1 Ġlet ippreżentata ittra ta' apoloġiji ta' Kunsillier. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsillier jiġi skużat.

## 9.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

9.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (9) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

9.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 9.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

9.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti kien irċieva petizzjoni ffirmata minn numru sostanzjali ta' anzjani li jattendu kull nhar ta' Ġimgħa ġewwa s-Sala tal-Kunsill, proġett li beda fil-leġiżlatura preċedenti bil-kollaborazzjoni ta' Nanniet Malta Grandparents Malta – non-government organization (NGO).

Il-petizzjoni ssemmi li l-grupp ma jixtieqx jibqa jaħdem in kollaborazzjoni ma' Nanniet Malta għal diversi raġunijiet. Is-Sindku stqarr li fl-opinjoni umli tiegħu kien proġett tajjeb grazzi għas-Sur Philip Chircop li flimkien mall-Kunsill ħoloq dan il-hub iżda min-naħa l-oħra ma jistax jinjora l-pressjoni li qed jagħmlu numru ta' residenti anzjani. Informa li talbu laqgħa u ltaqa magħhom u ladarba l-Kunsill għandu din is-sitwazzjoni quddiemu, xtaq li titla fuq il-mejda tal-Kunsill għal diskussjoni matura. Imbagħad stieden lill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex tagħti l-veduti tagħha dwar din is-sitwazzjoni.

Bażikament, il-Viċi Sindku spjegat li għandha pressjoni min-naħa tar-residenti biex jinqatgħu minn ma Nanniet Malta għaliex hemm il-probabiltà li dan il-grupp jisfaxxa.

Is-Sindku ma jarax li hemm triq oħra għajr li dan il-grupp ikompli jitmexxa mill-Viċi Sindku li għandha r-responsabbiltà tal-anzjanità attiva fost responsabbiltajiet oħra. Kien hemm qbil unanimu li din il-kollaborazzjoni tieqaf hemm.

Wara diskussjoni, kien deċiż li l-Kunsill għandu jinnotifika lis-Sur Chircop b'din id-deċiżjoni filwaqt li jirringrazzjah għal dak kollu li sar permezz ta' din il-kollaborazzjoni.

9.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar l-allokazzjoni ta' communal un/loading bay li saret riċentement fi Triq San Mikiel fuq talba ta' xi sidien tan-negozju taż-żona. Wara li l-Kunsill kien għamel din ir-rakkomandazzjoni lill-Awtorità TM biex tiżdied communal un/loading bay fejn hemm il-ħwienet, it-talba ġiet milqugħa mill-Awtorità u ġiet implimentata l-communal un/loading bay quddiem stabbiliment tal-ikel fi Triq San Mikiel. Il-Kunsill ma kienx notifikat fejn se ssir l-allokazzjoni u nqala kaos sħiħ min-naħa tar-residenti għaliex intilfu tliet parkeġġi. Is-Sindku spjega li l-allokazzjoni tal-communal un/loading bay saret fil-post żbaljat għaliex kienet distanti mill-ħwienet u b'hekk intilef l-iskop.

Intalbet kjarifika lill-Awtorità dwar il-miżuri tal-communal un/loading bay u l-possibiltà ta' reviżjoni/rilokazzjoni peress li l-ispazju li ttieħed għal din il-*communal un/loading bay* kien esaġerat. Ingħatat spjegazzjoni mill-istess Awtorità fejn kellhom jittieħdu tliet spazji peress li l-parkeġġ huwa ddisinjat *perpendicular to pavement*. Ġie deċiż li l-Kunsill ikompli jitkellem mal-Awtorità konċernata dwar il-possibiltà ta' rilokazzjoni biex taqdi l-iskop li ntalbet għalih.

9.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar il-proġett ta' Triq Alfons Maria Galea fejn ix-xogħlijiet ġew konklużi pendenti xi xogħlijiet dwar l-immaniġġjar tat-traffiku. Jidher li r-residenti huma sodisfatti bl-infrastruttura ġdida tat-triq fejn minkejja d-dewmien biex tlestew ix-xogħlijiet, illum nistgħu ngħidu li tlestiet triq oħra fl-Iklin għall-ġid komuni tar-residenti ta' din il-lokalità.

Imbagħad is-Sindku irrelata wkoll dwar l-aħħar proġett infrastrutturali li qed isir fi Triq il-Klin fejn preżentement għaddej ix-xogħol tal-ilma fejn qed jinbidlu s-servizzi biex titjieb l-infrastruttura tat-triq. Meta jsiru xogħlijiet infrastrutturali, jinqalgħu l-inkonvenjenzi però l-Kunsill qed isegwi mill-qrib dan il-proġett biex nassistu fid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom ir-residenti matul il-korsa tal-proġett. Nittamaw li r-ritmu fuq dawn ix-xogħlijiet ikunu aċċellerati biex il-proġett jitlesta skont il-programm tax-xogħol. Dan ikun ta' benefiċċju kemm għar-residenti u kemm għall-komunità kummerċjali.

## 9.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

9.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-13 ta' Jannar 2025 u l-11 ta' Frar 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (13 January - 11 February 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 14/01/2025 | Tappiera maqluba fejn stabbiliment tan-negozju Triq G Abos | pending | Triq G Abos | WSC |
| 13 | 17/01/2025 | Tappiera maqluba fejn stabbiliment tan-negozju Triq G Abos | pending | Triq G Abos | WSC |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 17/01/2025 | Resident qed jilmenta li quddiem il-garage tiegħu fi Triq Mons P.P. Saydon m'għamlux line marking isfar u qed jipparkjaw b'mod abbużiv quddiem il-garage | closed | Triq Mons P.P. Saydon | **COUNCIL** |
| 15 | 20/01/2025 | Hemm bzonn li terga ssir is-sleeping policeman fi Triq Mons P.P Saydon ghax qed ikun perikoluz ghat-tfal meta jmorru d-duttrina | pending | Triq Mons P.P. Saydon | **COUNCIL** |
| 16 | 20/01/2025 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu nru. S016/28 fi Triq San Mikiel | settled | Triq San Mikiel | **ENEMALTA** |
| 17 | 20/01/2025 | Fi Triq ir-Razzett l-Aħmar in-naha tax-Xwieki hemm bżonn li ssir one-way jew isiru traffic lights għaliex peress li hija two-way, it-triq dejqa u qed jgħaddu ħafna vetturi, qed jiġġammja t-traffiku | pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **COUNCIL** |
| 18 | 20/01/2025 | Hemm bżonn titnaddaf Triq il-Ħwawar għaliex kulħadd jarmi l-imbarazz | pending | Triq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 19 | 20/01/2025 | Qed iżomm ħafna ilma fil-bidu ta' Sqaq il-Ħwawar kull darba li jagħmel il-maltemp | pending | Sqaq il-Ħwawar | **INFRASTRUCTURE** |
| 20 | 20/01/2025 | Bozza tixgħel u titfi ma 35 Triq P P Saydon | settled | Triq P P Saydon | **CONTRACTOR** |
| 21 | 21/01/2025 | Hemm leakage tal-ilma fi Triq ir-Razzett l-AĦmar quddiem nru. 29 | pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **WSC** |
| 22 | 22/01/2025 | Inqalgħet tabella bil-pole fi Triq Richard Taylor | settled | Triq Richard Taylor | **COUNCIL** |
| 23 | 22/01/2025 | Hemm bżonn isir *refresh* tal-linja s-safra maċ-ċint fi Triq Richard Taylor | pending | Triq Richard Taylor | **COUNCIL** |
| 24 | 22/01/2025 | Talba biex titranga parti mit-triq għax difettuż u qed iżżomm l-ilma fi Triq A Buttigieg quddiem il-blokka nru 7 | pending | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 25 | 22/01/2025 | Talba biex Triq PA Cuschieri tiġi one-way bil-kontra għax issib il-vetturi ma' wiċċek | pending | Triq PA Cuschieri | **COUNCIL** |
| 26 | 23/01/2025 | Bozza fuq arblu tixgħel u titfi bejn 2 u 4 Triq A M Caruana | settled | Tiq A M Caruana | **ENEMALTA** |
| 27 | 24/01/2025 | Hemm bżonn isir road patching f'partijiet fi Triq il-Għargħur ħdejn stabbiliment tan-negozju | pending | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 | 29/01/2025 | Hemm it-tappieri ta' quddiem stabbiliment tan-negozju u ta' quddiem ir-Razzett l-Aħmar inqalgħu bix-xita | pending - sent email to WSC | Triq G Abos/Triq il-Wied | **WSC** |
| 29 | 30/01/2025 | Hemm bżonn li terġa ssir sleeping policeman fi Triq Mons P.P Saydon għax qed ikun perikoluż għat-tfal meta jmorru d-duttrina | pending | Triq Mons P.P. Saydon | **COUNCIL** |
| 30 | 01/02/2025 | Għal darb'oħra qed jilmenta fuq il-manhole ta' 47, Triq il-Wied, qed tħabbat wisq. (illum ġew u kemm irranġaw waħda biss) | pending | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE** |
| 31 | 03/02/2025 | Għal darb'oħra qed tilmenta fuq il-manholes ta' 92, Triq il-Wied. (illum ġew u kemm irranġaw waħda) | sentpending email | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE** |
| 32 | 03/02/2025 | Dan ir-resident minn Triq S Erardi jrid li quddiem il-garaage jinżebgħu l-kaxxi s-sofor għaliex qed ikollu problemi li xorta qed jipparkjawlu. Qal li postijiet oħra, f'toroq ġodda, qed jagħmluhom il-kaxxi s-sofor. | pending | Triq Stefano Erardi | **INFRASTRUCTURE** |
| 33 | 04/02/2025 | Bozza maqtugħa fuq arblu L029/28 fi Triq Carmelo Pace c/w Triq Enrico Naudi | settled | Triq Carmelo Pace | **ENEMALTA** |
| 34 | 05/02/2025 | Kaptelli miksurin quddiem garage fejn 23 Triq G Curmi | pending | Triq G Curmi | **Resident** |
| 35 | 05/02/2025 | 2 parking bays ċari fejn kienet Dar il-Lewża Triq G Curmi, (bankina tlestiet) | pending | Triq G curmi | **COUNCIL** |
| 36 | 06/02/2025 | Bozza mitfija quddiem xatba tar-Road Servicing Ltd fi Triq Hwawar | settled | Triq Hwawar | **MICAMED** |
| 37 | 06/02/2025 | Wire imdendel ma 30 Triq K Vassallo | pending | Triq K Vassallo | **GO plc/Melita** |
| 38 | 06/02/2025 | Wires gozz ma' residenza nru. 30 Triq K Vassallo | settled | Triq K Vasssallo | **ENEMALTA** |
| 39 | 07/02/2025 | Hemm bżonn jitnaddfu t-traffic lights ta' quddiem il-Model Shop għax maħmuġin u ma' jidhrux meta jixgħelu | pending | Triq Dun Karm | **TM** |
| 40 | 07/02/2025 | Inġema' tajn u trab ħdejn Bus Shelter ta' Triq Dun Karm c/w Triq C Busuttil | settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 41 | 08/02/2025 | Arblu imxengel fejn 12 Triq Prinjol | sent email | Triq Prinjol | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 42 | 06/02/2025 | Twaħħlet tabella tal-Un/loading quddiem stabbiliment tan-negozju. Talba biex titressaq fil-bidu tal-ħanut mhux tibqa fin-nofs tal-faccata | settled | Triq San Mikiel | **TM** |

## 9.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

9.5.1 Ma kienx hemm.

## 9.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

9.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Mario Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

## 9.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

9.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

9.7.2 Applikazzjoni PA/00725/25 – 48, June Daisy, Triq Censu Busuttil and, Wesgha Louis J.B. Scicluna, Iklin –

To demolish existing terraced house, excavate basement for private garages, and construct 2 maisonettes at ground floor level, 2 apartments at first, second and third floor respectively and one penthouse at receded floor level. (9 units in total).

9.7.3 Applikazzjoni PA/8172/24 - Clean Car Wash Centre, Triq San Mikiel c/w, Triq in-Naxxar, Iklin - Change of use from car valeting area/self-service car wash area into public service garage. Work to include sanctioning of structure as built from that approved in PA119/13.

## 9.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2024

9.8.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-unaudited Financial Statements għas-sena 2024.

9.8.2 L-Accountant ippreżenta l-kontenut li fih dan ir-rapport għall-attenzjoni sħiħa tal-preżenti. Ġie moqri l-istatement of Local Council Members' and Executive Secretary's responsibilities, Statement of Financial Position, Statement of Comprehensive Income, Statement of changes in equity, Statement of Cash Flows & Notes to the Financial Statements.

L-Accountant spjega li għalkemm l-istatement of Comprehensive Income (Profit & Loss) jidher li l-Kunsill ser jispiċċa s-sena finanzjarja 2023 b'deficit ta' Eur(27,232). riżultat ta' numru ta' fatturi fosthom d-deprezzament *on property, plant and equipment* li kien jammonta għal Eur66,452.00 partikolarment minħabba l-proġett tal-playing field.

Id-diskussjoni żvolġiet dwar ir-raġuni ta' deficit għal sena oħra kien proprju minħabba d-deprezzament l-aktar fuq il-proġett tal-playing field però l-Kunsill qed jaderixxi ma' Direttiva 1/2017 li tgħid 'Property, plant and equipment is stated at cost less accumulated depreciation and impairment loss to date. As from 1 January 2018 depreciation was changed from the reducing balance method to the straight line method, after the Local Council adopted Directive 1/2017 issued by the Department of Local Government. Depreciation is calculated at rates to write off the cost less residual value of each asset over its expected useful life as follows:

Playground furniture 100% L-Accountant ikkonkluda li meta wieħed iħares lejn il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, jirriżulta li l-Financial Situation Indicator jibqa wieħed b'saħħtu u cioè 50%.

9.8.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

9.8.4 Ma kienx hemm.

9.8.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidraw u japprovaw l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2024.

9.8.6 Il-Kunsill approva nem con. L-istqarrijiet finanzjarji ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bid-data tat-13 ta' Frar 2025 u kien ser jintbagħat fl-immedjat biex ikun onorat deadline stabbilit fiċ-Ċirkolari li ħareġ id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

## 9.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2025

9.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2025.

9.9.2 L-Accountant ippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2025. L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 ser tlaħħaq Eur308,857.

9.9.3 Wara diskussjoni dwar l-estimi u l-proġetti ppjanati għas-sena kurrenti, is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka li l-Kunsill għandu jkun kawt fl-infieq u għandu jżomm mall-kunċett tal-prudenza fl-infieq ta' fondi għaliex kien osservat li kull darba li l-Kunsill japplika għal xi skema li joħroġ id-Direttorat, il-Kunsill jispiċċa jonfoq aktar minn dak li jirċievi. Fost il-proġetti li hemm ippjanati għal din is-sena huma r-rinnovar tas-Sala tal-Kunsill, il-manutenzjoni u titjib ta' soft landscaping fi Triq Anton Buttigieg, il-proġett ta' titjib u tisbieħ f'Wesgħa J.B. Scicluna u nkomplu naħdmu fuq il-proġett propost u amibizzjuz li jikkonsisti re-design/regeneration ta' Pjazza Ninu Cremona. Dan tal-aħħar għadu fi stadju inizjali u l-Kunsill se jkun qed ifittex l-opportunitajiet ta' fondi peress li hemm nefqa kapitali.

9.9.4 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

9.9.5 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova l-estimi finanzjarji għas-sena 2025.

9.9.6 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok E)**

## 9.10 AĠĠORNAMENT DWAR IL-MATERJA TAL-IRWEJJAĦ TOSSIĊI FL-IKLIN

9.10.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar il-materja tal-irwejjaħ tossiċi fl-Iklin. Spjega li l-Kumitat ad hoc li kien twaqqaf fil-leġiżlatura preċedenti baqa' jiltaqa' bit-tama li tinstab soluzzjoni u saħansitra intalbet laqgħa mal-MEP Dott Peter Agius nhar is-7 ta' Frar biex tiġi diskussa din il-materja li minkejja li sar ħafna xogħol iżda d-diffikultà għadha hemm.

9.10.2 Il-laqgħa mal-MEP Dott. Peter Agius kienet waħda tajba u wiegħed li min-naħa tiegħu se jkun qed jistudja dan il-każ.

9.10.3 Imbagħad is-Sindku informa dwar petizzjoni li ntbagħtet f'Settembru li għadda minn individwu lill-Parlament Ewropew dwar dan il-każ biex jistudjaw il-każ u jħejju rapport biex ikun stabbilit jekk il-proċess f'dan l-impjant hux konformi mal-istandards internazzjonali dwar il-kontroll tal-emmissjonijiet inkluż dawk stabbiliti mill-Unjoni Ewropeja.

Minħabba raġunijiet personali, dan l-individwu ma xtaqx ikompli bil-petizzjoni għal raġunijiet personali u s-Sindku għamel din il-mistoqsija fuq il-mejda tal-Kunsill biex jara jekk il-preżenti jaqblux b'mod unanimu li l-Kunsill jieħu r-responsabbiltà ta' din il-petizzjoni biex ikollha aktar saħħa bħala Gvern Lokali. Imbagħad is-Sindku fetaħ is-suġġett għad-diskussjoni.

9.10.4 Il-Kunsillier Mario Fenech stqarr li ma jara xejn ħażin li l-Kunsill imexxi din il-petizzjoni għax l-iskop warajha huwa intenzjonat għall-ġid komuni tal-komunità. Però talab lis-Sindku sabiex il-Kunsill jara l-kontenut qabel mal-istess petizzjoni tintbgaħat f'isem il-Kunsill Lokali L-Iklin.

9.10.5 Bħala konklużjoni dwar dan is-suġġett, kien hemm qbil unanimu li jaqblu fil-prinċipju li l-Kunsill Lokali L-Iklin jieħu r-responsabbiltà tal-petizzjoni suġġett li jkollhom l-aċċess u l-ħin biex jaraw il-kontenut.

9.10.6 Is-Sindku Dott Sciberras wiegħed li ser ikun qed jibgħat il-kontenut tal-petizzjoni fl-immedjat a sodisfazzjon tal-Kunsillieri.

## 9.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

9.11.1 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman ressqet suġġeriment fejn bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Kultura fost responsabbiltajiet oħra, tixtieq taħdem fuq żewġ proġetti biex eventwalment tippubblika ktieb dwar l-istorja tal-Kunsill Lokali L-Iklin u l-lokalità tal-Iklin. Fil-preżent, qed tara kif jista jiġi ffinanzjat din il-pubblikazzjoni filwaqt li għandha ppjanati xi laqgħat inkluż mall-Kunsill Reġjonali Lvant. Ħsieb ieħor li tixtieq taħdem fuqu huwa li jintbagħat *flyer* biex nolqtu persuni kulturali li jgħixu fil-lokalità li sallum ma nafux b'dawn il-personalitajiet. Ċertament nkunu nistgħu navviċinawhom biex nibnu relazzjoni u bil-possibiltà li jkunu jistgħu jikkollaboraw mall-Kunsill fid-diversi attivitajiet fosthom l-attività Festa Fjuri. Il-Kunsillier Gusman kompliet billi qalet li fil-lokalità tal-Iklin għandna stejjer u teżori moħbija li ta min niskopruhom u naħdmu magħhom ukoll.

Is-Sindku Dott Sciberras għoġbitu ħafna l-ideja tal-Kunsillier Gusman.

Kompla billi qal li meta l-Kunsill welled l-edizzjoni Festa Fjuri, is-sezzjoni Eco Cafe kienet l-ideja tas-sinjura Catherine Muscat, residenta fl-Iklin li sfortunatament illum m'għadhiex magħna, imma grazzi għas-sinjura Muscat fejn bl-idejat, il-pariri tagħha u l-kontribut sħiħ tagħha għenet lill-Kunsill biex iwelled Eco Cafe li sena wara l-oħra qed tkun suċċess. L-istess rigward l-ideja tal-pubblikazzjoni dwar il-lokalità tal-Iklin, is-Sindku Dott Sciberras irrefera għal Patri Josef Briffa, Ġiżwita li għamel ħafna riċerka fuq il-lokalità fejn jista jkun punt ta' riferiment f'dan il-proġett.

9.11.2 Il-Kunsillier Mario Fenech qal li kien qed jaħdem fuq xi ħaġa simili f'dak li jirrigwarda l-isport iżda mhux sport tradizzjonali bħal logħba sabiħa tal-futbol iżda sport individwali bħal ma għandhom il-Belt tipo Valletta Subbuteo Club.

Jemmen li l-istess fl-isport hemm residenti li jipprattikaw sport li ta min b'xi mod nilħquhom u naraw kif inkunu nistgħu nistednuhom fl-attivitajiet u nikkollaboraw flimkien.

Is-Sindku Dott Sciberras ikkonkluda li huwa importanti li l-Kunsill jagħmel *reach out* għaliex jista jagħti l-każ li resident/i jħossu skomdu jersaq 'il quddiem u għalhekk b'dawn l-inizjattivi li qed isemmu l-Kunsillieri Gusman u Fenech nistgħu naħdmu biex insaħħu l-*community engagement*.

9.11.3 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu 2025 fil-5.30 pm.

9.11.4 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu 2025 fil-5.30 pm.

9.11.5 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.45 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv